MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru. 1259/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Martin Attard**

Kumpilazzjoni Nru: 1259/2010

Illum, 02 ta’ Frar, 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi

Martin Attard, ta’ 45 sena, iben Alfred u Vincenza, imwieled H’Attard, fl-20 ta’ Novembru, 1962 u li joqghod

fil-fond numru 65, Triq Tas-Sliema, Gzira, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru: 698262M

Akkuzat talli fi Frar ta' 2010 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijit tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq, ingann, jew bili wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centenzmu (232.94) izda mhux iktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2, 329.37) ghad-dannu ta' Francis Caruana.
2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikata u liema somma flus kienet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;
3. U aktar talli nhar il-11 ta' Frar, 2010 gewwa Triq in-Naxxar, San Gwann, ikkommetta serq ta' flus ghad-detriment ta' l-istess Francis Caruana u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-232.94 Euros izda li ma jaccediex 2, 329.37 Euros.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 261(b)(c), 263(a), 267, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-att processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm mhux netta lanqas m'hi wahda allarmanti u hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat huwa dispost li jirrifondi l-ammont dovut lill-parte leza.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263(a), 267, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbtax (14) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lil Francis Caruana is-somma ta' disgha mija u tlettin Euro (€930).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------